MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1071/2010

**Anna mart Anthony Galea, Adrian Salomone,**

**Joanna Bonello Salomone, Jeremy Salomone,**

**Vanessa Said Salomone u Ferdinand Grech**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u**

**Joseph Cutajar ghal kull interess li jista jkollu, u**

**b’digriet tad-9 ta’ Marzu 2011**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet gie sostitwit**

**b’korrezzjoni awtorizzata ghal**

**Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, u**

**b’digriet tat-13 ta’ Gunju 2011 gie revokat**

**id-digriet tad-9 ta’ Marzu 2011 u**

**gew imdahhla fil-kawza**

**L-Awtorita tad-Djar flimkien**

**mal-Kummissarju tal-Artijiet gia fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-21 ta’ Ottubru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huma l-ko-proprietarji tal-fond li igib In-numru 70 Antonio Bosio Street Msida.

2. Illi l-intimat bil-poteri li taghtih il-ligi kien hareg ordni ta' rekwizizzjoni li jgib in-numru 40083 fug l-istess fond biex b'hekk dan ii-fond tnehha mill-pussess tar-rikorrenti.

3. Illi din l-ordni ta' rekwizizzjoni (li inharget fil-17 ta' Gunju 1977) inharget bhala protective requisition order biex tipproteggi lis-sinjura Tanti fl-okkupazzjoni ta' dan il-fond u dan senjatament skond ma kien xehed l-ufficcjal esekuttiv tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet (George Camilleri) meta dan xehed fil-proceduri li kienu ittiehdu fil-Qorti (Kawza numru 516/93) fil-kawza fl-ismijiet "Anna Galea et vs Rosina sive Annie Tanti".

4. Illi l-imsemmija Rosina sive Annie Tanti mietet fil-02 ta' April 2005 u wara li mietet din Tanti, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet, flok ma hareg kontro-ordni ghall-ordni tieghu u ghadda lura l-pussess tal-fond lir-rikorrenti, qabad u abusivament dahhal fih lil haddiehor biex b'hekk id-drittijiet tar-rikorrenti li jgawdu illimitatament l-istess fond gew imxekkla mill-gdid, minghajr ebda raguni gustifikattiva ghall-istess.

5. Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex [1] tiddikkjara illi la darba l-ordni ta' rekwizizzjoni in kwistjoni inharget bhala "protective requisition order" biex tipproteggi lil Rosina sive Annie Tanti, issa li l-istess Tanti mietet, allura ma ghadx hemm ebda skop ghaliha u ghandha tinhareg l-ordni relattiva sabiex l-istess fond jigi ikkonsidrat bhala mhux affett minn tali ordni, [2] tordna lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn din il-Qorti jirrotorna l-pussess attwali tal-istess fond liberu minn

kull xkiel lir-rikorrenti biex b'hekk dawn ikunu jistghu jgawdu u jiddisponu mill-istess fond skond kif iridu huma, [3] tordna lill-intimat l-iehor sabiex jizgombra mill-istess fond stante li qed jiddetjenih minghajr ebda titolu validu fil-ligi - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

6. B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrrenti u senjatament dik ghad-danni u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra uficcjali tat-13 ta' Settembru 2010 debitament notifikata lill-intimat Kummissarju tal-Artijiet u lill-Avukat Generali fis-17 ta' Settembru 2010 kontra l-intimati li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari jigi rilevat li l-Kummissarju tal-Artijiet m'huwiex il-legittimu kontradittur tal-ewwel talba attrici stante li huwa qatt ma hareg l-ordni ta' rekwizizzjoni bin-numru 40083 li hemm imsemmija fir-rikors guramentat. Taht dan il-profil jigi osservat li l-Kummissarju tal-Artijiet la ghandu u lanqas qatt ma kellu l-mansjoni u/jew il-poter li johrog ordnijiet ta' rekwizizzjoni. Infatti tali poter hu riservat biss lid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali (qabel is-Segretarju tad-Djar) ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 125 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk dati dawn ic-cirkustanzi l-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, b'referenza specifika ghat-tieni talba attrici, il-Kummissarju tal-Artijiet iwiegeb li lanqas din ma tista' tigi diretta fil-konfront tieghu ghas-semplici raguni li huwa mghandux il-pussess tal-art mertu ta' din il-kawza. Inoltre huwa m'ghandu l-ebda informazzjoni dwar il-fond in kwistjoni, jew dwar kwalsiasi rikonoxximent li seta' sar tal-konvenut l-iehor f’din il-kawza;

3. Illi finalment minghajr pregudizzju ghas-sueccepit dwar il-mertu r-rikorrenti ghandhom igibu prova sal-grad rikjest mil-ligi li (i) huma l-komproprjetarji tal-fond in kwistjoni u (ii) li l-konvenut Joseph Cutajar qieghed jokkupa l-fond de quo minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita tad-Djar li tghid hekk:

1. Illi l-bidla f’konvenut ma tistax issir b'semplici korrezzjoni fil-fatt l-Awtorita tad-Djar lanqas biss tidher fl-occhio tal-kawza. Intant ukoll id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali gie assorbit fl-Awtorita tad-Djar u ma ghadux ente indipendenti.

2. Illi l-atturi iridu qabel xejn jippruvaw it-titolu taghhom ghal-fond mertu ta' din il-kawza;

3. Illi t-talbiet attrici kif edotti kontra l-Awtorita tad-Djar huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi l-ordni ta' rekwizizzjoni li kopra lil Rosina sive Annie Tanti issa qed ikopri lil Joseph Cutajar. Fil-fatt sa mill-1977 bint Rozina Tanti cioe Josephine Cutajar flimkien ma’ zewga Publio u erba’ uliedhom, li wiehed minnhom hu l-konvenut Joseph Cutajar kienu qed jghixu mal-istess Rozina Tanti. Dokument HA1 jirreferi, HA2 huwa kopja ta' Registru Elettorali Ottubru 1992. Dokument HA3 jindika li minn spezzjoni li saret fis-7 ta' April 1994 Joseph Cutajar kien ighix hemmhekk u b'hekk kien ukoll kopert bl-ordni ta' rekwizizzjoni. Dok HA4 hija applikazzjoni ta' Joseph Cutajar sabiex jigi rikonoxxut;

5. Illi fis-26 ta' Marzu 2004 Joseph Cutajar kien rikonoxxut in solidum flimkien ma’ zitu bhala l-kerrej u dan a bazi ta' ordni ta' rekwizizzjoni 40083 skond dokument anness u mmarkat HA5;

6. Illi ma hemm xejn li sar mhux skont il-ligi u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha;

7. Intant l-ordni ta' rekwizizzjoni kienet u ghadha mehtiega sabiex tipprovdi akkomodazzjoni lill-konvenut Joseph Cutajar u dan qed taghmlu skond il-ligi;

8. Illi skond policy tal-Awtorita tad-Djar sar test tal-mezzi fuq Joseph Cutajar sabiex jigi konstatat jekk ghadx hemm htiega ta' protezzjoni permezz tal-Ordni ta' rekwizizzjoni u dan sabiex jekk fin-negattiv tali ordni titnehha. Fil-kaz in ezami mit-test tal-mezzi rrizulta li Joseph Cutajar kien ghad kellu bzonn il-protezzjoni tal-Ordni ta' rekwizizzjoni. U ghalhekk tali ordni ta' rekwizizzjoni ma seghtetx titnehha;

9. Illi f’kull kaz l-Awtorita tad-Djar kull ma tista taghmel hu li tnehhi l-ordni ta' rekwizizzjoni jekk thoss li din ma tkunx ghadha mehtiega, izda legalment ma tistax tordna jew taghmel aktar minn hekk;

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Cutajar li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi l-intimat ilu jabita regolarment fil-fond mertu tar-rikors attrici mill-1968.

3. Illi l-istess intimat ilu ufficjalment rikonoxxut mill-intimat Kummissarju mill-4 ta' Marzu 2004 (Dok. A anness) u ta' dan gew formalment avvizati r-rikorrenti permess ta' ittra datat 26 ta' Marzu 2004 (Dok. B).

4. Illi ghalhekk l-intimat jinsab protett ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

5. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi intiza biex il-Qorti tikkikjara li ordni ta' rekwizizzjoni mahrug fis-17 ta' Gunju 1977 numru 40083 bhala ordni ta' protezzjoni ghal Rosina Tanti ma ghadx hemm skop ghalih billi mietet fit-2 ta' April 2005 u ghalhekk l-Awtorita tad-Djar ghandha tirritorna l-fond hieles minn kull okkupant. Fl-istess talba l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tordna l-izgumbrament tal-okkupant prezenti fil-fond ghax jinsab minghajr titolu.

**Eccezzjoni preliminari tal-Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Kummissarju tal-Artijiet mhux sid il-fond u anqas jiddetjeni l-fond b'xi titolu jew permezz ta' xi awtorita moghtija mill-ligi kif xehed l-Assistent Direttur fid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-fond in kwistjoni anqas hu amministrat mill-istess Dipartiment izda mill-Awtorita tad-Djar. L-istess Dipartiment tal-Artijiet ma ghandu ebda poter johrog rekwizizzjoni izda l-ordnijiet kienu jinhargu mis-Segretarju tad-Djar, illum sostitwit mill-Awtorita tad-Djar bis-sahha tal-Kap. 281 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jidher car illi l-azzjoni saret inutilment kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-azzjoni hi intiza primarjament biex tinnewtralizza l-effetti ta' requisition order u l-legittimu kontradittur ghalhekk hu l-Awtorita tad-Djar.

l-enti li ghandha interess fil-vertenza hija biss l-Awtorita tad-Djar li hadet il-funzjoni tas-Segretarju tad-Djar u ovvjament il-konvenut Joseph Cutajar li illum jokkupa l-fond.

**Mertu**

Il-fatti li taw lok ghal vertenza huma s-segwenti.

Hu pacifiku illi fis-17 ta' Gunju 1977 inharget ordni ta' rekwizizzjoni li ggib in-numru 40083 fuq il-fond 70 Antonio Bosio Street, Msida proprjeta tal-familja Salomone amministrata minn Joseph Busuttil. Din l-ordni harget wara li certu Micallef li kien jiddetjeni l-fond b'titolu ta' cens ma baqax jaccetta l-kera minghand Rosina Tanti li lilha kien krih u li skond l-unika informazzjoni li harget mill-atti u senjatament mix-xiehda ta' Joseph Cutajar kienet ilha li dahlet fil-fond mill-1968 mill-anqas.

Skond ix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita tad-Djar Carmen Azzopardi r-requisition order inhareg biex tigi protetta l-inkwlina Rosina Tanti. Mill-file dipartimentali irrizulta illi flimkien ma' Rosina Tanti kienet tghix bintha Josephine Cutajar u zewgha Pablo b'erba wliedhom fosthom il-konvenut Joseph Cutajar. Il-konvenut Joseph Cutajar jixhed li kienet toqghod ukoll maghhom Annie Tanti cioe zitu.

Rosina Tanti mietet fl-1979. Skond l-istess Joseph Cutajar u dan mhux kontradett minn had, il-kera jidher li kienet u baqghet tigi depozitata fil-Qorti.

Fl-14 ta' Settembru 1992, Joseph Busuttil bhala amministrtur tal-beni Salomone (fol. 52 tal-process) kiteb lid-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali biex jinfurmah illi c-cens li s-sidien kellhom ma' Micallef ghalaq fl-1987 u qua sidien qatt ma rrikonoxxew lil Rosina Tanti u kwindi talab lid-Dipartiment inehhi l-protection requisition order biex jittiehdu passi bil-Qorti.

Jidher li f'dak iz-zmien Rosina Tanti kienet ilha mejta u skond ir-registru elettorali tal-1993 (Dok. HA2 fol. 22) kienu jirresjedu fil-fond il-familja Cutajar, u senjatament il-konvenut Cutajar kif ukoll Annie Tanti li kienet iz-zija li semma' l-istess Cutajar fix-xiehda tieghu.

Jidher li ttiehdet azzjoni mill-familja Salomone, ghalkemm mix-xiehda ta' Vanessa Said Salomone, wahda mis-sidien, jinghad li saret kawza fl-ismijiet Annie Galea et vs Rosina Tanti, Nru. 516/1993 pero ma hemmx informazzjoni x'sar minnha din il-kawza.

Dak li jirrizulta bhala fatt pero huwa li fis-26 ta' Marzu 2004 gew rikonoxxuti Joseph Cutajar u Annie Tanti bhala inkwilini in virtu u in forza tar-requisition order 40083 (fol. 30 tal-process Dok. HA 5). Fl-istess gurnata intbaghat ittra lil Annie Tanti u Joseph Cutajar u lil Joseph Busuttil b'din l-informazzjoni (ara fol. 40 u 41 tal-process). Fl-20 ta' Mejju 2004 intbaghat l-avviz dwar ir-rekwizizzjoni lil Annie Tani, Joseph Cutajar u lil Joseph Busuttil. Dan jipprova d-diligenza rikjesta skond ma jitlob l-artikolu 3(3) tal-Kap. 125.

Jidher mill-atti illi Annie Tanti mietet fit-2 ta' April 2005 u baqa' fil-fond Jospeh Cutajar. Skond ix-xiehda ta' Carmen Azzopardi r-rapprezentanza tal-Awtorita tad-Djar, gie konfermat illi Joseph Cutajar dejjem kien u baqa' jghix fl-imsemmi fond mindu inharget ir-requisition order favur nantu. Dan setghet tikkonfermah ghax isiru spezzjonijiet regolari fejn dan jigi konstatat, u in oltre illi means testing tal-konvenut sar u rrizulta li hemm il-bzonn ta' protezzjoni fl-akkomodazzjoni moghtija in vista tal-mezzi finanzjarji tal-istess Joseph Cutajar.

**Konsiderazzjonijiet legali**

L-atturi ma jorbtux it-talbiet taghhom ma ebda kapitolu jew artikolu tal-ligi. Huma qed jitolbu biss it-tnehhija tar-requisition order ghax l-iskop li ghalih sar cioe l-protezzjoni ta’ Rosina Tanti llum spicca u kwindi l-ghoti tal-fond lil Joseph Cutajar kien abusiv u bla raguni gustifikata. Il-proprjeta messha giet ritornata lil atturi qua sidien, stante li d-dritt ta’ tgawdija tal-fond mis-sidien gie mxekkel.

Din il-kawza la qed issir biex jigi protett xi dritt kostituzzjonali li qed jigi vjolat u anqas jidher, almenu mill-premessi u talbiet u mill-eccezzjonijiet, illi qed issir ai termini tal-artikolu 469(A) tal-Kap. 12 ghal stharrig gudizjarju dwar imgieba ta’ Awtorita pubblika fil-konfront ta’ min iqis li sehhet ingustizzja jew vjolazzjoni. Dawn it-toroq kienu jifthu konsiderazzjonijiet ben diversi minn dak li din il-Qorti ser tezamina.

Jidher li l-azzjoni attrici hi bazata fuq il-fatt li l-ordni ta’ rikwizizzjoni kienet tkopri biss skop wiehed specifiku, cioe l-protezzjoni ta’ Rosina Tanti u illi darba li Rosina Tanti mietet l-iskop tar-rekwizizzjoni intemm.

Il-Qorti tqis illi din l-azzjoni kif impostata ma tistax tirnexxi.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Paul Borg vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et**, deciza fit-3 ta’ Frar 2012 tghid hekk:

> li fl-Att dwar id-Djar (Kap. 125 tal-Ligijiet ta’ Malta), in linea ta’ principju, l-intiza wara l-hrug ta’ ordni ta’ rekwizizzjoni ma kienx li l-Istat jiehu proprjeta` jew il-pussess taghha izda li jadotta mizura fejn ikun hemm kontroll tal-uzu tal-proprjeta` fil-forma ta’ detenzjoni ta’ dik il-proprjeta` fl-interess pubbliku bl-iskop socjali li jittaffa l-problema ta’ nuqqas ta’ akkomodazzjoni u jigi zgurat kemm jista’ jkun ir-rispett fis-socjeta` lejn id-dritt ghall-intimita` tad-dar, liema dritt huwa relatat fil-qrib u dipendenti mid-disponibilita` ta’ djar biex lindividwi jkollhom fejn jghixu.
>
> Wara l-emendi li saru bl-Att XXXVII tal-1989, l-Art. 3(1) tal-Kap. 125 gie jaqra hekk:
>
> “Jekk id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali jidhirlu li hu mehtieg jew xieraq li jaghmel hekk fl-interess pubbliku, izda biss bil-ghan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista’ jghammar jew biex jizgura t-tqassim xieraq ta’ dawk il-postijiet fejn

wiehed jista' jghammar, huwa jista' johrog rekwizizzjoni ghal kull bini, u jista' jaghti struzzjonijiet li jidhirlu li huma mehtiega jew xierqa sabiex ir-rekwizizzjoni tista' jkollha effett u tkun tista' ssehh."

F'din id-disposizzjoni, hemm specifikat l-iskop u l-parametri li ghandhom jidderiegu lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali meta jigi biex johrog ordni ta' rekwizizzjoni. Ir-rekwizizzjoni ghandha ssir dejjem fl-interess pubbliku. Izda mhux biss. Il-legislatur jikkwalifika dan l-interess u jispecifika illi rekwizizzjoni ghandha ssir biss bil-ghan li tipprovdi lin-nies lok fejn wiehed jista' jghammar jew bil-ghan li jigi zgurat t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wiehed jista' jghammar.

L-Art. 3(1) tal-Kap. 125 kien trattat fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawza **Edwards pro et noe v. Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali**, fejn inghad hekk:

"Huwa ragjonevolment car li l-ligi qeghda hawn tikkonsidra tliet ipotesijiet indipendenti (i) dik tal-interess pubbliku; (ii) dik tal-provizjoni ta' djar; u (iii) dik tat-tqassim ekwu tad-djar. Logikament pero` "mhux bizejjed illi r-rekwizizzjoni tkun saret inter alia, fl-interess pubbliku, ghaliex ladarba dak il-'public interest' gie limitat bil-kliem 'for providing living accomodation', il-portata tar-rekwizizzjoni giet limitata ghall-iskop tal-abitazzjoni, u mhux ukoll ghal skopijiet ohra ta' interess pubbliku."

Bis-sahha tal-ordni ta' rekwizizzjoni, is-sid jigi dispossessat mill-fond, b'mod illi, minn mindu ssir u sakemm tibqa' ssehh ir-rekwizizzjoni, il-pussess tal-fond u d-disponibilita` ta' dak il-pussess ma hux aktar f'idejn is-sid izda f'idejn l-awtorita` rekwizizzjonanti (ara **Cassar v. Zammit**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 1959).

L-interess pubbliku hu marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` tkun sejra tintuza. Pero` anke jekk ikun hekk, id-drittijiet ghandhom jigu kawtelati dejjem.

Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 2003 fil-kawza **Abdilla v. Onor. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent u Artijiet et**, il-Qorti Kostituzzjonali ccitat mis-sentenza taghha [diversament komposta] tat-30 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Cutajar noe v. Il-Kummissarju tal-Art et** fejn kien inghad hekk:

"Il-Qorti Ewropea fir-rigward tas-sinjifikat tat-terminu 'the public interest' fl-ewwel artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, irriteniet illi 'a deprivation of property

effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the compulsory transfer of property from one individual to another may, 'depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".' Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza James and others (1986) giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk: "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken."

Fil-kaz tal-lum jirrizulta illi bis-sahha tar-requisition order originali, liema ordni, fil-fehma tal-Qorti tikkolpixxi fond biex jigi protett individwu jew familja, l-Awtorita tad-Djar tat protezzjoni skond ma tafdalha l-ligi fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 125 lil Annie Galea u Joseph Cutajar. Dawn il-persuni kienu mill-hrug tal-requisition order gia jirrisjedu fil-fond u ghalkemm ma kienux il-persuni protetti direttament, pero wara l-mewt tal-persuna originarjament protetta, id-dipartiment hass fl-2004 illi Annie Galea u Joseph Cutajar kien jisthoqqilhom protezzjoni skond il-ligi. Ingiebet il-prova fil-konfront ta' Joseph Cutajar (billi Annie Galea mietet) illi skond il-means testing l-istess Joseph Cutajar jimmeritah il-protezzjoni tal-ligi u ghalhekk saret b'mod legittimu fl-interess pubbliku sabiex jigi provdut abitazzjoni lil Joseph Cutajar li ma ghandux fond iehor fejn joqghod jew il-mezzi adegwati ghal dan. Kwindi l-iskop tar-requisition order ma nbidilx izda inbidel biss il-persuna u jinsab kien jisthoqq il-protezzjoni. Il-ligi ma tipprekludix lil Awtorita min tali dritt u rekwizizzjoni ma taqax semplicement ghax ikun miet min gie protett inizjalment meta l-istess Awtorita qed tqis li hemm haddiehor li jimmerita l-istess protezzjoni. Kif inhi impostata l-kawza, l-atturi jridu jippruvaw illi l-iskop jew il-formalitajiet mehtiega ghal konferma tar-requisition order fl-2004 ghal protezzjoni tal-persuni hemm imsemmija ma gewx segwiti. Pero ma ngiebet ebda prova a rigward.

L-ittra ta' rekwizizzjoni tas-26 ta' Marzu 2004 u l-avviz tar-requistion ta' Mejju tal-istess sena ntbaghtet skond il-ligi lil amministratur tas-sidien u ma hemmx prova li din ma gietx ircevuta minnu. Ma jidhirx li saret ebda kontestazzjoni ta' din ir-requisition order quddiem il-Prim' Awla ai termini tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 125 u fit-terminu hemm previst ghalkemm il-gurisprudenza tghallem li n-nuqqas ta' notifika kif trid il-ligi ma jgibx in-nullita tar-requisition (ara **Farrugia noe vs Aquilina**, Qorti Mag. 11/06/1985).

Hu pertinenti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Frendo Azzopardi vs Grech**, deciza fis-6 ta' Frar 2008:

> "Lanqas imbaghad ma tista' din il-Qorti tikkonkorda mar-ragonament ta' l-ewwel Qorti illi ghax qatt ma kien hemm rikonoxximent da parti tas-sidien tal-fond u lanqas ma saret il-procedura tar-rikonoxximent, ergo, il-konvenut appellanti ma kellu ebda titolu, lanqas wiehed sui generis. Fl-istat tal-ligi imperanti meta nharget l-Ordni ta' Rekwizizzjoni jinsab provvdut bis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att dwar id-Djar illi fil-kaz ta' allokazzjoni ta' persuni f' bini id-Direttur jista' f' kull zmien, b' ittra ufficcjali, jordna lir-rekwizizzjonat li jirrikonoxxi bhala kerrejja lil dawk listess persuni. Dan, necessarjament, ifisser skond linterpretazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell kolleggjali in re: "**Carmen Cassar -vs- Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali**" (30 ta' Gunju 1997) illi l-imsemmi subinciz "jaghti diskrezzjoni lid-Direttur li jadotta l-procedura ta' rikonoxximent. Diskrezzjoni li ovvjament jista' jaghzel li jezercita jew li ma jezercitax. Sakemm ma ssirx mid-Direttur din il-procedura permezz ta' l-ittra ufficcjali lallokazzjoni ma seta' jkollha guridikament l-ebda effett fil-konfront tas-sid li jibqa' jkollu biss relazzjoni mad-Dipartiment li jkun irrekwizizzjona l-fond". Dejjem f' din l-istess decizjoni ssokta pero` jigi puntwalizzat illi "b'danakollu l-attrici ma tehlisx mill-effett ta' l-ordni ta' rekwizizzjoni. Il-fond ma jivvertix fil-pussess taghha imma jibqa' f' idejn id-Dipartiment tad-Djar bis-sahha ta' l-istess rekwizizzjoni. Mhux biss. Lanqas jirnexxilha l-attrici tillibera l-fond taghha mill-okkupazzjoni ta' l-istess persuna li lilu jkun gie allokat. Dan jibqa' jokkupah izda b'relazzjoni diretta mad-Dipartiment kif originarjament kien ha l-post u mhux b' relazzjoni diretta ta' inkwilin mas-sid attrici";"

F'dan il-kaz giex jew ma giex avzat b'ittra ufficjali s-sid biex jirrikonoxxi lil inkwilin u ghalhekk jidhol in vigore l-effetti tal-artikolu 8(2) tal-Kap. 125 jibqa' l-fatt illi l-provi juru illi r-rekwizizzjoni li saret favur Joseph Cutajar fl-2004 bis-sahha u b'kontinwazzjoni tar-rekwizizzjoni originali 40083 li qatt ma giet revokata, saret fl-interess pubbliku bil-ghan li jipprovdi lil konvenut post fejn jista jghammar li ma ghandux fond iehor jew mezzi biex jaghmel dan. Kwindi ma ittiehdet ebda procedura abusiva mill-Awtorita tad-Djar ghax dak li sar, sar skond ma jrid il-Kapitolu 125 bil-formalitajiet u prekawzjonijiet mehtiega u ghalhekk l-azzjoni attrici kif maghmula ma tistax tirnexxi u hi infondata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet, u tiddikjarah mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, u tichad it-talbiet attrici billi infondati fil-fatt u fid-dritt. Spejjez ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------